MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 47/2008

**Richard sive Rachela Spiteri u Natal Bonello**
**Vs**
**L-Avukat Generali**

## Il-Qorti

## Preliminari

Rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti li permezz tieghu ppremettew:

Illi quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hemm pendenti Appell numru 43/2008 pprezentat mir-rikorrenti fl-atti tal-kawza 'il-Pulizija (Spettur Alfred Caruana) vs Richard sive Rachela Spiteri u Natal Bonello;

Illi fit-30 ta' Settembru 2008 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat digriet u ddiferiet l-appell *sine die* sabiex ir-rikorrenti

jifthu kawza kostituzzjonali wara li allegaw ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom kif protetti mill-artikolu 39(1) tal-Kap. 9. artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 2 tas-Seba' Protokoll ta' l-istes Konvenzjoni, u dana bil-fatt li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qajjmet *ex officio* n-nullita' tar-rikors ta' l-appell fuq nuqqas ta' formalita' u wriet car illi l-hsieb taghha huwa illi tghaddi l-appell in gudikat bhala null minghajr ezami tal-aggravji fil-mertu;

Illi n-nuqqas li qajjmet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali huwa illi fit-talba tar-rikors ta' l-appell taghhom l-appellanti ma talbux ghal konferma tal-partijiet liberatorji tas-sentenza kif jezigi (skond il-Qorti) taht piena ta' nullita l-artikolu 419(C) tal-Kodici Kriminali;

Illi fit-talba tar-rikors ta' l-appell tar-rikorrenti tnizzel hekk:

«*Ghaldaqstant, l-appellant umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sabiex tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier taghha u tiddikjara li l-appellant mhux hati – altrimenti dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba sabiex jekk issib li hemm htija, xorta wahda tirriforma s-sentenza billi tibdel il-piena f'wahda mhux karcerarja jew ta' l-anqas tnaqqas il-piena karcerarja ta' sentejn inflitta mill-ewwel Qorti ghal wahda ta' perjodu sostanzjalment anqas*»

Illi kien ghalxejn illi f'rikors biex il-Qorti ma tistronkax l-appell u tghaddi biex tezamina l-aggravji fuq il-mertu; ir-rikorrenti osservaw illi:

1. Mhux korrett jinghad li l-artikolu 419(c) jezigix li ghandha ssir talba ghal konferma tal-partijiet liberatorji tas-sentenza appellanta u li ghalhekk tali nuqqas ma jistax igib mieghu ***l-piena ta' nullita ta' l-appell***;

2. It-talba ghal konferma tal-partijiet liberatorji tas-sentenza mhiex hlief **'prassi'** tal-Qorti ta' l-Appell, meqjusa li hija mehtiega «*ghal andament ordnat tal-process ta' l-appell*», u li prassi dejjem tista' tinbidel, jekk il-Qorti tkun trid;

3. F'***Escolano vs Spain u Perez de Rada de Cavnilles vs Spain*** il-Qorti Ewropea ddikjarat illi huwa ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni meta Qorti taghti nterpretazzjoni rigida ghal nuqqas ta' formalita': «*it is not merely a problem of interpretation of a legal provision in the usual way but an unreasonable construction of a procedural requirement which prevented a claim for compensation being examined on the merits … the Court consequently considers that the domestic courts' particularly strict interpretation of a procedural rule deprived the applicants of the right of access to a court …* »

4. Fil-kawza ***Stift vs Belgium***, l-ECHR iddikjarat illi nterpretazzjoni rigida ghal nuqqas ta' formalita f'appell tammonta ghal «***a disproportionate sanction***» kontra l-appellant li kisret l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Inghad l-istess ***f'Stubbings vs UK***;

Illi l-appellanti anke sostnew illi n-nuqqas tat-talba ghall-konferma tal-partijiet liberatorja tas-sentenza, mhux biss mhux «*a legal provision*» imma fi kwalunkwe kaz mhux ser tfixkel lill-Qorti biex taghti s-sentenza taghha wara ezami tal-aggravji fuq il-mertu ghaliex jekk il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma ssibhomx hatja ta' serq kif talbuha, **awtomatikament** jigu mhux hatja ta' *recidivism* u ta' ksur ta' *probation order*;

Illi ghal kjarezza, jigi rilevat illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) r-rikorrenti kienu gew akkuzati talli: a) ikkommettew serq ta' somma flus minn vettura, liema serq huwa kwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa; b) talli huma saru recidivi b'diversi sentenzi li saru definittivi; u c) Natal Bonello wahdu talli kiser probation order taht l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 26 ta' April 2004;

Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 6 ta' Frar 2008 sabithom hatja hekk:

Lil Richard Spiteri ta' l-ewwel imputazzjoni, limitatament ghal aggravju tal-valur – illiberatu mit-tieni akkuza u kkundannatu ghal sentejn prigunerija;

Lil Natal Bonello hati ta' l-ewwel imputazzjoni bil-komplicita' tieghu fir-reat – izda lliberatu mit-tieni u t-tielet akkuzi u kkundannatu ghal sentejn prigunerija;

Illi l-aggravji ta' l-appellanti principalment kienu dwar apprezzament zbaljat tal-fatti u li l-Qorti sabet htija fuq bazi ta' probabilita' biss;

Illi fid-digriet taghha tat-30 ta' Settembru 2008 l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali sejhet «**prematura**» t-talba ta' l-appellanti biex tiddesisti milli tistronka l-appell b'***interpretazzjoni rigida*** tal-formalita' taht l-artikolu 419 (c) tal-Kodici Kriminali;

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali baqghet tiddesisti li tezamina l-aggravji ta' l-appell fuq il-mertu u minflok iddikjarat illi «*jidher li hemm divergenzi bejn il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea u dik tal-Qorti Kostituzzjonali*» u li jkun aktar prudenti li tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza biex tinfetah kawza kostituzzjonali:

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet hekk fid-digriet taghha tat-30 ta' Settembru 2008: illi fil-kawza Emmanuel Gauci vs Avukat Generali, l-Qorti Kostituzzjonali, … irriteniet illi «*fil-kaz tal-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali n-nullita hija espressa fil-ligi meta jkun hemm nuqqas tal-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet ta' l-appell jew it-talba ghal thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri – rekwiziti dawn li huma kjarament mehtiega ghal-andament ordnat tal-proceduri fil-kaz li jkun u li huma ghalhekk konducenti ghal ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. L-istess principju gie ribadit minn din il-Qorti diversament preseduta mill- Prim Imhallef V. De Gaetano fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Lewis Spiteri' - 31.8.2006*»;

Illi bir-rispett, m'hemmx divergenzi bejn li ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi li l-aggravji taghhom huwa ta'

nullita’ ta’ appell ghal nuqqas ta’ formalita’, u l-gurisprudenza tal-ECHR fuq l-istess suggett u l-appellanti kellhom jinghataw rimedju ordinarju mhux jirrikorru ghal din l-*extraordinary remedy*;

Illi *a contrario senso*, l-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza citata mill-istess Qorti ta’ l-Appell Kriminali fid-digriet tal-appellanti tat-30 ta’ Settembru 2008 u cioe’ fis-sentenza fl-ismijiet «**Emanuel Gauci vs Avukat Generali**» sabet li sehhet vjolazzjoni ta’ dritt ta’ smigh xieraq taht l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni bil-fatt illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (preseduta mill-istess Imhallef tal-kawza tal-lum) irrifjutat li tezamina l-aggravji fil-mertu fl-appell ta’ Gauci. Wara li Gauci qajjem in-nullita’ tas-sentenza appellata;

Illi fis-sentenza ta’ Emanuel Gauci vs Avukat Generali, l-Qorti Kostituzzjonali ccitat is-sentenza taghha fil-kawza **Patrick Mangion vs Kummissarju tal-Pulizija** biex tenfazizza l-punt li nterpretazzjoni rigida tnawwar id-dritt ta’ appell. Hija qalet: « ... *f’kazijiiet meta l-ligi domestika, bhal fil-kaz ta’ Mangion taghti dritt ta’ appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li tkun sabet lil dak li jkun hati ta’ reat, dak id-dritt ta’ appell (f’dan il-kaz lil Qorti ta’ l-Appell Kriminali), ghalkemm jista’ jkun regolat u ristrett, ma jistax ikun regolat u ristrett b’tali mod li jgib fix-xejn id-dritt innifsu, u l-limitazzjonijiet u restrizzjonijiet irid ikollhom ghan legittimu u jkun hemm proporzjonalita’ bejn il-mezz adoperat u l-ghan li jkun irid jintlahaq*»

**<u>Bias tal-Qorti.</u>**

Illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali kiser id-dritt ghal smigh xieraq quddiem Qorti mparzjali tal-appellant / rikorrenti u dritt ta’ appell effettiv wara li kwotat, fid-digriet taghha, dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Emanuel Gauci vs Avukat Generali** bil-maqlub ta’ li hemm miktub f’dik is-sentenza kostituzzjonali;

Illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali uriet parzjalita’ oggettiva meta fid-digriet taghha **injorat** li l-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza **Emanuel Gauci vs Avukat**

**Generali** qalet li jsehh ksur ta' smigh xieraq jekk appell jitwarrab minhabba nuqqas ta' formalita' ghaliex interpretazzjoni rigida ta' procedura jgib fix-xejn id-dritt ta' appell li huwa protett taht artikolu 7 tal-Kap. 319;

Illi bir-rispett, kien ksur tal-jedd ta' appell tal-appellanti meta l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkontradixxiet is-sentenza kostituzzjonali *Emanuel Gauci vs Avukat Generali* (li ennuncja d-dritt ta' appell effettiv anke meta tinqala' nuqqas ta' formalita') u qalet li hemm **divergenzi** bejn is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u dawk tal-ECHR;

Illi di piu, bil-fatt li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali qajjmet in-nullita' fir-rikors ta' appell ***ex officio*** meta l-Prosekuzzjoni ma qajjmitx dan il-punt waqt it-trattazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali vvjolat id-dritt ta' **Equality of Arms** (*article* 6) tal-appellanti ghax fis-sistema adversarja taghna huwa principju sacro sant illi ***juxta allegata et probate partes*** – izda hawn gara illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali nizzlet fl-arena taghmilha ta' l-avukat tal-Prosekuzzjoni;

Illi ligi fil-Kodici taghna li tippermetti lill-Imhallef sedenti jqajjem *ex officio* nullita' ta' rikors ta' appell kontra persuna akkuzata quddiemu hija anti-kostituzzjonali u l-appellanti qed jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara hekk fis-sentenza taghha;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti bir-rispett u bil-qima jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u tohrog dawk l-atti u taghti direttivi li tqis xierqa sabiex id-drittijiet fondamentali taghhom jigu protetti, billi tiddikjara illi:

1a. Il-Ligi fil-Kodici tal-Procedura u tal-Kodici Kriminali (jekk tezisti) li tippermetti Imhallef sedenti jqajjem nullita' tal-atti tal-kaz li jkun qieghed jinstema' quddiemu *ex officio* hija anti-kostituzzjonali u tmur kontra l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni;

1b. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali llediet id-dritt tar-rikorrenti ta' smigh xieraq bi ksur tal-artikolu 39 (1) (2)

u artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni meta dahlet taghmilha tal-avukat tal-Prosekuzzjoni u qajjmet in-nullita' tal-appell *ex ufficio*, wara li waqt it-trattazzjoni tal-appell il-Prosekuzzjoni baghqet siekta dwar in-nullita';

2. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell illediet id-dritt ta' smigh xieraq protett taht l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni wara li *kwotat bil-maqlub* dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Emanuel Gauci vs Avukat Generali** fid-digriet taghha ta' 30 ta' Settembru 2008;

3. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell illediet id-dritt ta' smigh xieraq kif ukoll dak ta' access ghal Qorti (article 13 tal-Konvenzjoni) u ***ta' appell effettiv*** (u mhux illuzorju) wara li ndikat li ser tapplika **nterpretazzjoni rigida** ghal nuqqas ta' formalita' tal-artikolu 419 (c) u ppreferiet tistrieh fuq dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza «*Il-Pulizija vs Lewis Spiteri*» minflok applikat id-dikjarazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza *Emanuel Gauci vs Avukat Generali*, liema sentenza tikkjarifika il-pozizzjoni li ghandha tiehu l-Qorti ta' l-Appell Kriminali meta jkollha kwistjoni ta' nuqqas ta' formalita' fir-rikors ta' l-appell quddiemha;

4. Li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kisret id-dritt ta' smigh xieraq ta' l-appellanti meta kompliet issostni fid-digriet taghha tat-30 ta' Settembru 2008 li jezistu '***divergenzi***' bejn il-gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti tal-ECHR fuq x'japplika fuq kwistjoni ta' nuqqas ta' formalita' f'rikors ta' appell meta dan mhux il-kaz;

5. Li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell illediet id-dritt ta' appell (effettiv) ukoll billi ddikjarat '*prematura*' it-talba fir-rikors ta' l-appellanti pprezentat minnhom fit-30 ta' Settembru 2008 biex l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell twarrab in-nuqqas ta' formalita' u tezzamina l-aggravji fuq il-mertu;

6a. Li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qed tapplika '*prassi*' mhux ligi espressament rikjesta mill-artikolu 419 (c) tal-Kodici Kriminali (dwar talba ghal konferma ghat-talba tal-partijiet liberatorji ta' sentenza appellata);

6b. Li prassi u allura dak li mhux espressament rikjesta mill-ligi taht l-artikolu 419 (c) ma tistax iggib il-piena ta' nullita' ghan-nuqqas tat-talba taghha;

6c. Li l-interpretazzjoni rigida tan-nuqqas ta' din il-formalita' mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ser iwassal biex ir-rikorrenti jigu mcahhda mir-rimedju li ghandhom dritt ghalih skond il-ligi.

**Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali a fol. 15 tal-process li permezz taghha ppremetta:**

Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Illi minghajr pregudizzju qed tigi eccepita l-intempestivita' ta' din l-azzjoni;

Illi jidher car li dan il-kaz kien ghadu fl-istadju tat-trattazzjoni ta' l-appell;

Illi in oltre, jirrizulta li tali appell ghadu sal-lum mhux deciz;

Illi jirrizulta in oltre li r-rikors in kwistjoni huwa ntavolat mir-rikorrenti Richard sive Rachela Spiteri u Natal Bonello personalment u mhux bhala rizultat ta' referenza kostituzzjonali da parti ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell;

Illi fuq ammissjoni ta' l-istess rikorrenti, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma dehrilix li kien il-kaz li tirreferi il-kwistjoni lill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali;

Illi minhabba f'hekk qed tigi eccepita n-nullita' ta' dan ir-rikors in vista tal-intempestivita' tieghu, peress illi l-kwistjoni li fuqha qed jillamentaw minnha r-rikorrenti ghadha sal-lum mhix deciza finalment u minhabba f'hekk qatt ma jista' jitqies li fil-fatt gew ezawriti r-rimedji kollha skond il-ligi;

Illi l-ezawriment totali tar-rimedji kollha skond il-ligi huwa prerekwizit vitali fi proceduri ta’ din in-natura peress li proceduri ta’ din in-natura ghandhom dejjem jitqiesu bhala rimedji ta’ natura eccezzjonali u straordinarji;

Illi minhabba f’hekk f’ebda punt ma jistghu jitqiesu li huwa permess li proceduri kostituzzjonali jistghu jigu ntavolati f’stadju bikri bhal ma gara f’dan il-kaz;

Illi huwa biss wara li l-kwistjoni kollha tkun finalment deciza b’ezawriment tar-rimedji kollha skond il-ligi li huwa permess li jigu ntavolati proceduri bhal dawk odjerni u mhux QABEL;

Illi, bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti qed jibbaza r-rikors fuq punt ta’ ligi li huma stess qalu ‘jekk tezisti’ minghajr ma specifikaw ezattament fuq liema ligi qed jitkellmu, tant hu hekk li huwa stess qal ‘jekk tezisti’ meta kien qed jirreferi ghall-punt ta’ ligi li dwaru qed jillamenta quddiem din l-Onorabbli Qorti;

Illi minghajr pregudizzju, l-allegat vjolazzjoni tal-Artikoli li ssemmew mir-rikorrenti jistghu jissusistu biss jekk dan l-allegat nuqqas jirreferi biss ghall-‘*determination of a civil right and obligation*’, li mhux il-kaz f’dan il-kaz;

Illi ukoll minghajr pregudizzju din l-Onorabbli Qorti ma tista’ qatt issib li l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell setghet qatt illediet id-dritt ta’ smigh xieraq meta skond l-istess rikorrenti, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell: ‘*indikat li ser tapplika* ***nterpretazzjoni rigida*** *ghal nuqqas ta’ formalita’ tal-Artiklu 419 (c)*’;

Illi rikors ta’ din in-natura li, fuq ammissjoni tal-istess rikorrenti, gie ntavolat fuq semplici ndikazzjoni tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ma jistax jigi milqugh, jekk ghal xejn, ghas-semplici raguni minhabba l-fatt li l-Onorabbli Qorti ghadha ma ppronunzjatx ruhha fuq il-punt b’mod definittiv u in oltre minhabba l-fatt li l-istess Onorabbli Qorti ma hassitx li kien il-kaz li ssir riferenza formali fuq dan il-punt;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ghal kwalunkwe ragunijiet ohra li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad t-talbiet rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat id-digriet tas-17 ta' Ottubru 2008 li bih ir-rikorrent talab l-allegazzjoni tal-process kriminali 43/08.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti ;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw ;

**Digriet ta' l-Qorti ta' l-Appell Kriminali**

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-digriet taghha tat-30 ta' Settembru 2008 iddecidiet li skond l-appellanti jekk il-Qorti fid-decizzjoni eventwali taghha, minflok tiddeciedi fuq il-mertu ta' l-appelli, tiddeciedi li l-appelli huma nulli minhabba nuqqas ta' formalita' jkun qed jigi lez id-dritt fundamentali taghhom ghall-smigh xieraq u in sostenn tat-tezi taghhom, l-appellanti ccitaw gurisprudenza tal-Qorti Ewropea fil-kazijiet **"Escolano vs Spain** (Jan. 2000) u **Perez de Rada Cavanilles vs Spain** (1998).

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali semmiet ukoll li mill-banda l-ohra l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha **"Emanuel Gauci vs. L-Avukat Generali"** [26.5.2006] – irriteniet li fil-kaz ta' l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali n-nullita' hija espressa fil-ligi meta jkun hemm nieqsa l-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet ta' l-appell jew it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri – rekwiziti dawn li huma kjarament mehtiega ghall-andament ordnat tal-proceduri fil-kaz li jkun, u li huma ghalhekk konducenti ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kkonkludiet li billi kien jidher *prima facie li* jista' jkun hemm divergenza bejn dak li qed tirritjeni l-Qorti Kostituzzjonali u din il-Qorti diversament preseduta u mill-banda l-ohra s-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li ghalihom ghamlu referenza l-appellanti, iddifferiet l-appelli *sine die* biex jigi prezentat rikors kostituzzjonali f'dan is-sens.

**Talbiet**

Ir-rikors kostituzzjonali debitament sar u f'dawn il-proceduri r-rikorrenti qed jitolbu li :

1a. Il-Ligi fil-Kodici tal-Procedura u tal-Kodici Kriminali (jekk tezisti) li tippermetti Imhallef sedenti jqajjem nullita' tal-atti *ex officio* hija anti-kostituzzjonali u tmur kontra l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni;

1b. Li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali llediet id-dritt tar-rikorrenti ta' smigh xieraq bi ksur tal-artikolu 39 (1) (2) u artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni meta qajjmet in-nullita' ta' l-appell *ex ufficio*, meta l-Prosekuzzjoni ma qajmitx eccezzjoni dwar in-nullita';

2. Li l-Qorti ta' l-Appell illediet id-dritt ta' smigh xieraq protett taht l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni meta fid-digriet taghha ta' 30 ta' Settembru 2008 *kwotat bil-maqlub* dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Emanuel Gauci vs Avukat Generali ;**

3. Li l-Qorti ta' l-Appell illediet id-dritt ta' smigh xieraq kif ukoll dak ta' access ghal Qorti (artikolu 13 tal-Konvenzjoni) u ***ta' appell effettiv*** (u mhux illuzorju) wara li ndikat li ser tapplika **nterpretazzjoni rigida** ghal nuqqas ta' formalita' ta' l-artikolu 419 (c) u ppreferiet tistrieh fuq il-kawza «*Il-Pulizija vs Lewis Spiteri*» minflok applikat id-dikjarazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali ;

4. Li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kisret id-dritt ta' smigh xieraq ta' l-appellanti meta kompliet issostni fid-digriet taghha tat-30 ta' Settembru 2008 li jezistu '***divergenzi***' bejn il-gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti tal-ECHR fuq x'japplika fuq kwistjoni ta' nuqqas ta' formalita' f'rikors ta' appell meta dan mhux il-kaz;

5. Li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali illediet id-dritt ta' appell (effettiv) ukoll billi ddikjarat '*prematura*' it-talba fir-rikors ta'

l-appellanti pprezentat minnhom fit-30 ta’ Settembru 2008 biex l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell twarrab in-nuqqas ta’ formalita’ u tezzamina l-aggravji fuq il-mertu;

6a. Li l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali qed tapplika ‘*prassi*’ mhux ligi espressament rikjesta mill-artikolu 419 (c) tal-Kodici Kriminali (dwar talba ghal konferma ghat-talba tal-partijiet liberatorji ta’ sentenza appellata);

6b. Li prassi u allura dak li mhux espressament rikjesta mill-ligi taht l-artikolu 419 (c) ma tistax iggib il-piena ta’ nullita’ ghan-nuqqas tat-talba taghha;

6c. Li l-interpretazzjoni rigida tan-nuqqas ta’ din il-formalita’ mill-Qorti ta’ l-Appell ser iwassal biex ir-rikorrenti jigu mcahhda mir-rimedju li ghandhom dritt ghalih skond il-ligi.

**Kuntestazzjoni**

Ir-rikorrenti jsostnu li n-nuqqas li kienet se tqajjem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali hu li fit-talba tar-rikors ta’ l-appell taghhom huma ma talbux ghal riforma tas-sentenza appellata u cjoe li l-Qorti tikkonferma l-partijiet fejn huma gew liberati fis-sentenza u tirrevokaha fil-kumplament u dana taht piena ta’ nullita’ komminata mill-artikolu 419(C) tal-Kodici Kriminali.

Ir-rikorrenti jsostnu li t-talba ghal konferma tal-partijiet liberatorji tas-sentenza mhiex hlief **‘prassi’** tal-Qorti ta’ l-Appell, meqjusa li hija mehtiega «*ghal andament ordnat tal-process ta’ l-appell*», u li prassi dejjem tista’ tinbidel. In-nuqqas tat-talba ghall-konferma tal-partijiet liberatori tas-sentenza fi kwalunkwe kaz mhux ser tfixkel lill-Qorti milli taghti s-sentenza taghha wara ezami ta’ l-aggravji fuq il-mertu ghaliex jekk il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ma ssibhomx hatja ta’ serq, **awtomatikament** jigu mhux hatja ta’ recidiva u ta’ ksur ta’ *probation.*

L-intimat eccepixxa n-nullita’ ta’ dan ir-rikors in vista ta’ l-intempestivita’ tieghu, peress illi l-kwistjoni li fuqha qed jilmentaw minnha r-rikorrenti ghadha sal-lum mhix deciza

finalment u minhabba f’hekk qatt ma jista’ jitqies li fil-fatt gew ezawriti r-rimedji kollha skond il-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-intimat qed jeccepixxi n-nullita’ tal-proceduri mqajjma mir-rikorrenti minhabba l-intempestivita’ ta’ l-azzjoni taghhom billi l-kwistjoni mqajjma minnhom ghada ma gietx deciza finalment. Din il-Qorti pero’ taghmel referenza ghad-digriet tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali li kienet awtorizzat lir-rikorrenti biex jipprocedu b’dina l-azzjoni u ma dehriliex li kellha tiddikjara li t-talba taghhom kienet frivola u vessatorja. L-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax tigi kunsidrata bhala intempestiva billi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kellha quddiemha « kwisjtoni » li kienet tirrikjedi soluzzjoni skond il-Kostituzzjoni jew il-Kap. 319 ghalhekk idderigiet lir-rikorrenti biex jirrikorru quddiem dina l-Qorti ghad determinazzjoni taghha. In vista ta’ dana r-rikorrenti ma kellhomx rimedji ohra x’jesawrixxu hlief li jipprocedu quddiem dina l-Qorti billi l-kwistjoni kellha tigi determinata minn dina l-Qorti. Jigi rilevat li l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kienet cara li hija kienet se tapplika l-insenjament kontenut fis-sentenza «*Il-Pulizija vs Lewis Spiteri*» u ghalhekk ir-rikorrenti qajmu l-kwistjoni li dika n-nullita’ kienet x’aktarx se tilledi d-drittijiet fundamentali taghhom (Art. 4(1) tal-Kostituzzjoni).

Basikament it-talbiet kollha tar-rikorrenti jirriducu ruhhom ghall-ilment kostituzzjonali konsistenti fl-allegat ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom kif protetti mill-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ; l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 2 tas-Seba’ Protokoll ta’ l-istess Konvenzjoni u dana bil-fatt li l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali qajjmet *ex officio* n-nullita’ tar-rikors ta’ l-appell fuq nuqqas ta’ formalita’ u wriet car illi l-hsieb taghha kien illi tghaddi l-appell in gudikat bhala null minghajr ezami tal-aggravji fil-mertu.

Illi r-rikorrenti qed jissottomettu li ma hemm ebda konflitt bejn dak li ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ta’ Emanuel Gauci u l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi fis-sentenza imsemmija tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Emanuel Gauci v L-Avukat Generali deciza fis-16 ta' Mejju 2006 il-Qorti kienet sabet ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq (inkluz dak ta' access ghal Qorti) meta qieset it-tenwita' tal-bazi fattwali minn naha l-wahda (semplici zieda ta' l-ittra « m » fl-isem Emanuel) u l-konsegwenzi ghar-rikorrent min-naha l-ohra (nullita' ta' l-appell u nuqqas ta' smigh fil-mertu).

Il-Qorti Kostituzzjonali fl-kawza imsemmija kienet iddistingwit bejn in-nullita' sollevata f'dak l-appell u nullita' l-ohra taht l-artikolu 419 tal-Kap. 9. Hija kienet qalet li la l-artikolu 382 tal-Kap. 9 ( li jipprovdi x 'ghandu jkun fiha sentenza tal-Qorti tal-Magistrati) u lanqas l-Artikolu 419 ta' l-istess Kodici (li jipprovdi dwar x'ghandu jkun fih ir-rikors ta' l-appell) ma jispecifika xejn in partikolari dwar l-isem tal-persuna ikkundannat jew illiberata, jew dwar l-isem ta' l-appellant (kif kien il-kaz ta' Gauci) : dan ta' l-ahhar, cjoe l-artikolu 419, jirreferi biss ghall-indikazzjonijiet kommuni ghall-atti gudizzjarji », li fin-nuqqas taghhom l-att ma jigix null, **bhalma jkun il-kaz jekk ikun hemm nieqsa l-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet ta' l-appell jew it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri – rekwiziti dawn li huma kjarament mehtiega ghall-andament ordnat tal-proceduri fil-kaz li jkun, u li huma ghalhekk konducenti ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzija.**

Kuntrarjament ghal dak li qed isostnu r-rikorrenti, fil-kaz ta' l-artikolu 419, in-nullita' hija espressament provduta bil-ligi. Il-Qorti Kostituzzjonali kienet iddistingwiet bejn nuqqas li jwassal ghal nullita' li hija prevvista bil-ligi u nuqqas li ma jwassalx ghal nullita' ta' l-atti imma li jista' jigi korreggut, u dana tenut kont tal-pregudizzju rrimeddjabbli li jista' jbati akkuzat min-naha l-wahda u l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja min-naha l-ohra.

Issa x'tghid il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem. Il-principji segwiti huma dawn :

The right of access to court is not absolute but subject to limitations. By its very nature it calls for regulation by the State, which may vary in time and in place according to the needs and resources of the community and individuals. (Golder para. 38). The State has a margin of appreciation in making such regulations but the limitations applied must not restrict or reduce the access left to the indiiividual in such a way that the very essence of the right is impaired. In addition, a limitation will not be compatible with Article 6, paragraph 1 if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved. (Ashingdane para. 57).

Procedural and practical impediments may contravene the Convention where they operate to bar effective access to court. (Golder para. 26). Time limits imposed on the bringing of claims are acceptable in the interests of good administration of justice. (Stubbings 51).

There is no right to appeal contained in the Convention itself (as opposed to the right provided for in Article 2 of Protocol 7). However, where a judicial system provides appeals, the fundamental guarantees of Article 6 will apply. (Delcourt para. 25-26).

Having regard to the fact that in many Contracting States, higher instances take different forms, this is subject to the rider that the way in which Article 6 applies will depend on the special features of the proceedings. This includes consideration of the functions in law and practice of the appellate body, its powers and the manner in which the interests of the parties are presented and protected. (Monnell and Morris para. 56). There can therefore be no right as such to any particular kind of appeal or manner of dealing with appeals. (Ara A Practitioner’s Guide to the European Convention of Human Rights. K. Reid).

Fil-kaz in ezami n-nullita’ ta’ l-atti hija espressament prevvista mill-Ligi. Id-dritt ta’ appell lill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali hu wkoll regolat b’ligi u ristrizzjonijiet imposti ghandhom l-ghan legittimu li jirregola l-proceduri fl-ahjar

interess tal-gustizzja. Il-procediment quddiem dika l-Qorti u l-mod kif ghandhom jigu konfezzjonati l-atti quddiemha huma ben noti u ilhom iz-zmien jigu prattikati u maghrufa minn kull min  jipprattika quddiem dika l-Qorti. Hemm gurisprudenza kostanti li tmur lura s-snin fis-sens li nuqqas bhal dak imsemmi fl-artikolu 419 jgib in-nullita' ta' l-appell.  Il-Qorti ssib li hemm proporzjonalita' bejn il-mezz adoperat u l-ghan li jrid jintlahaq ghax altrimenti ikun hemm rebus shih fil-procedura u l-mod kif tigi amministrata l-gustizzja.

Ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti li mhux se jkollhom *access to a court,*  li jifforma parti mid-dritt ghal smigh xieraq, mhux fondat u qed jigi michud.

Il-fatt li l-ligi tawtorizza lill Imhallef li jqajjem in-nullita' ta' l-appell ex officio fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 419 jkompli juri l-importanza ta' dawn ir-restrizzjonijiet. L-imhallef b'daqshekk ma jkunx qed jidhol fl-arena bejn il-partijiet imma jkun biss qed japplika l-ligi kif inhu obbligat li jaghmel. Ghalhekk ma tidholx kwistjoni ta' *equality of arms*.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------